

Brussell, 9 ta' Frar 2023
(OR. en)

6273/23

VISA 30
FRONT 49
MIGR 58
IXIM 24
SIRIS 13
COMIX 74

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 66 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-istat attwali tat-tnejjiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament VIS f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1134

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 66 final.

Mehmuż: COM(2023) 66 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2023
COM(2023) 66 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-istat attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament VIS
f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1134**

Sommarju eżekuttiv

Ir-Regolament (UE) 2021/1134¹, li jemenda fost l-oħrajn ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS)², jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta **rapport** annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament. Dan huwa **l-ewwel rapport tal-Kummissjoni**.

L-implimentazzjoni tal-arkitettura l-għdida tal-IT fil-qasam tal-migrazzjoni, il-fruntieri u s-sigurtà hija l-pedament għall-istabbiliment ta' waħda mill-aktar sistemi moderni ta' ġestjoni tal-fruntieri fid-dinja. Is-sistema ta' Infurmazzjoni dwar il-Viża hija parti integrali minn din l-arkitettura. Biex l-implimentazzjoni ssir bis-sħiħ u f'waqtha, l-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi assoċjati maż-żona Schengen, l-aġenziji tal-UE u l-Kummissjoni jridu jimxu 'l quddiem flimkien. **Id-dewmien ta' wieħed minnhom jikkawża dewmien għal kulħadd**, u x'aktarx li jżid **l-ispejjeż** ukoll.

B'mod ġenerali, it-tħejjija tal-implimentazzjoni tal-VIS riveduta tinsab fit-triq it-tajba. Wara l-adozzjoni tar-Regolament emendatorju tas-7 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni minnufih bdiet tiddiskuti sensiela ta' **atti ta' implimentazzjoni u ta' atti delegati** meħtieġa għall-iżvilupp tal-komponenti l-għodda tal-VIS, fil-kumitat u fil-grupp ta' esperti rilevanti. Bħalissa, bdiet il-ħidma fuq it-12-il att delegat u ta' implimentazzjoni kollha, u dawn jinsabu f'diversi stadji fil-proċedura ta' adozzjoni. Sitt atti ta' implimentazzjoni u tliet atti delegati qed jiġu diskussi fil-kumitat rilevanti u fil-grupp ta' esperti, filwaqt li tliet atti ta' implimentazzjoni diġà ġew adottati formalment.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (KE) Nru 810/2009, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1860, (UE) 2018/1861, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Infurmazzjoni dwar il-Viża (ĠU L 248, 13.7.2021, p. 11–87)

² Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infurmazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60)

1. Introduzzjoni

Il-VIS ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE³ biex isservi bħala s-soluzzjoni teknoloġika għall-iskambju ta' *data* dwar il-viżi bejn l-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Regolament VIS)⁴ stabbilixxa l-għan, il-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet għall-VIS, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-iskambju ta' *data* dwar viżi għal soġġorn qasir bejn l-Istati Membri biex jiġi ffaċilitat l-eżami ta' applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir u tad-deċiżjonijiet relatati. Il-VIS bdiet topera fil-11 ta' Ottubru 2011 u tnediet gradwalment fil-konsolati tal-Istati Membri kollha bejn Ottubru 2011 u Frar 2016.

L-oġġettivi tal-VIS huma li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-viża, il-kooperazzjoni konsulari u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-viża billi tiffaċilita l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet relatati, sabiex:

- tiffaċilita l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża;
- tipprevjeni l-“visa shopping”;
- tiffaċilita l-għieda kontra l-frodi tal-identità;
- tiffaċilita l-kontrolli fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri;
- tgħin fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna li ma tissodisfax jew ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, is-soġġorn u r-residenza fit-territorju tal-Istati Membri;
- tagħmilha faċli biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵;
- tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' theddid għas-sigurtà interna ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri.

Fit-2 ta' Awwissu 2021, daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2021/1134, li jemenda fost l-oħrajn ir-Regolament VIS. Dan jipprovdi lill-awtoritajiet inkarigati mill-ħruġ tal-viżi b'informazzjoni importanti dwar l-applikanti għal viża ta' Schengen għal soġġorn qasir, waqt li jippermetti li l-gwardji tal-fruntiera jidentifikaw lill-vjaġġaturi li jistgħu jkunu ta' riskju għas-sigurtà. Ir-regoli l-ġodda jwessgħu wkoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-VIS – b'mod partikolari billi jżidu lill-applikanti u d-detenturi ta' viża għal soġġorn twil u ta' permessi ta' residenza – filwaqt li jirrispettaw l-acquis dwar il-protezzjoni tad-*data*, biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet rilevanti jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu, meta jkollhom bżonnha. Ir-regoli l-ġodda miftiehma se jippermettu kontrolli aktar bir-reqqa dwar l-isfond tal-applikanti għal viża għal soġġorn qasir, viża għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, skambju aħjar ta'

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perġodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60)

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar id-detenturi ta' dawn id-dokumenti, u interoperabbiltà sħiħa ma' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE.

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2021/1134, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2023 biex tistabbilixxi d-data għad-dħul fis-seħħ tal-VIS riveduta. Madankollu, l-Artikolu jistabbilixxi wkoll għadd ta' kundizzjonijiet qabel ma din id-deċiżjoni tkun tista' tiġi adottata, jiġifieri li l-atti meħtieġa delegati u ta' implimentazzjoni msemmin f'dan ir-rapport ikun meħtieġ li jiġu adottati, li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) jkollha tinnotifika lill-Kummissjoni li lestiet b'suċċess l-attivitàjiet tal-ittejsjar kollha, u li l-Istati Membri jkollhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni li huma għamlu l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa.

Il-VIS se tkun parti mill-qafas komuni tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817⁶ u (UE) 2019/818⁷ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u b'hekk l-iżvilupp tal-karatteristiċi u l-proċessi l-ġodda tagħha jenħtieġ li jkun kompletament koerenti ma' daww fis-sistemi ta' informazzjoni l-oħra tal-UE li huma parti mill-qafas.

Skont it-termini tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2021/1134, il-Kummissjoni hija obbligata tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat attwali tal-preparamenti għall-implimentazzjoni kollha tar-Regolament. Ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż sostnuti u informazzjoni dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq l-ispejjeż totali. Rapporti simili għandhom jiġu ppreżentati mill-Kummissjoni kull sena sakemm il-Kummissjoni tadotta d-deċiżjoni li tistabbilixxi d-data tal-bidu tal-operazzjonijiet tal-VIS skont ir-Regolament imsemmi hawn fuq.

Dan huwa l-ewwel rapport tal-Kummissjoni, u jkopri l-perjodu mill-adozzjoni tar-Regolament Emendatorju tas-7 ta' Lulju 2021 sat-tnejn ta' dan ir-rapport f'Diċembru 2022.

2. Leġislazzjoni ta' implimentazzjoni tar-Regolament VIS

Ir-Regolament (UE) 2021/1134 jipprevedi li l-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni jenħtieġ li tiġi adottata biex tissupplimenta u timplimenta ċerti aspetti tekniċi dettaljati tar-Regolament. Uħud minn dawn l-atti huma meħtieġa biex l-eu-LISA tkun tista' tibda bis-siġh id-disinn u l-iżvilupp tal-funzjonalitajiet il-ġodda fil-kuntest tal-arkitettura ġenerali tas-sistema tal-IT, speċjalment peress li din tirrikjedi d-definizzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi. Huma meħtieġa atti oħra biex jiġu stabbiliti regoli tekniċi biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-VIS mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri u mill-aġenziji tal-UE.

Mill-adozzjoni tar-Regolament fl-2021, il-Kummissjoni organizzat 14-il laqgħa tal-Kumitat u sitt (6) Gruppi ta' Esperti dwar il-VIS, biex jiddiskutu sensiela ta' abbozzji ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-VIS riveduta.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u għidizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).

Bħalissa, bdiet il-ħidma fuq it-12-il att delegat u ta' implimentazzjoni kollha, u dawn jinsabu f'diversi stadji fil-proċedura ta' adozzjoni. Sitt atti ta' implimentazzjoni u tliet atti delegati qed jiġu diskussi fil-kumitat rilevanti u fil-grupp ta' esperti, filwaqt li tliet atti ta' implimentazzjoni diġà ġew adottati formalment. Dan huwa spjegat ukoll fit-tabella ta' hawn taħt:

Tabella 1 L-istat attwali tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati meħtieġa mir-Regolamenti fis-7 ta' Settembru 2022

Regolament	Tip ta' att	Adottati	F'fażi ta' adozzjoni formali	F'kumitat jew grupp	Għadhom ma nbdewx
VIS	Att delegat			3	
	Att ta' implimentazzjoni	3		6	

3. Monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-UE

L-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha tal-VIS riveduta hija rikonoxxuta sew fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, bħalma huma l-interdipendenzi bejn il-VIS u l-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni oħra tal-UE u tal-komponenti ta' interoperabbiltà. Sabiex l-implimentazzjoni ssir f'waqtha u b'mod korrett, l-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE u l-Kummissjoni jridu jimxu 'l quddiem flimkien, sabiex jevitaw li n-nuqqas ta' azzjoni minn xi wieħed minnhom iżomm lil kulħadd lura.

4. Spejjeż u riskji

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament Emendatorju ġiet adottata fis-7 ta' Lulju 2021, sena aktar tard milli kien previst oriġinarjament. Id-dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva annessa mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għar-Regolament Emendatorju li jirrevedi r-Regolament VIS ġiet emendata f'Lulju 2021 minħabba l-iskeda ta' żmien aġġornata għall-implimentazzjoni riveduta tal-VIS, u biex jiġi żgurat li biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani jkunu disponibbli għall-eu-LISA.

Id-dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva emendata indikat li l-proposta tirrikjedi t-total ta' EUR 178,6 miljun mill-baġit tal-UE matul il-perjodu 2021-2027. Dan l-ammont jinkludi l-baġit rilevanti għall-Istati Membri (EUR 45 miljun) għall-adattament tas-sistemi nazzjonali tagħhom, għall-Europol (EUR 29,8 miljun) għall-aġġornament meħtieġ tas-sistemi tal-IT tal-Aġenzija u għall-ħtiġijiet tal-persunal tagħha, għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) (EUR 5,4 miljun) għall-istabbiliment ta' aċċess ġdid għall-VIS fl-Aġenzija, għall-ħtiġijiet u l-laqgħat tal-persunal, u għall-eu-LISA (EUR 98,2 miljun) għall-iżvilupp tal-oqsma kollha tal-IT tal-proposta u għall-operat tal-VIS aġġornata, kif ukoll għall-ħtiġijiet temporanji għall-persunal.

Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament Emendatorju, l-impatt fuq in-nefqa operazzjonali għall-eu-LISA għall-iżvilupp tal-VIS riveduta huwa stmat li jammonta EUR 16,2 miljun għas-sena 2022 u EUR 28,9 miljun fl-2023.

L-implimentazzjoni tal-VIS fil-qafas komuni tal-interoperabbiltà u l-adattamenti tagħha biex tinteraġixxi mas-sistemi l-oħra tal-IT jinvolve għadd ta' modifiki differenti li jirriżultaw kull darba f'verzjoni ġdida tas-sistema. Dawn il-verżjonijiet differenti tal-VIS għandhom jiġu implimentati f'sekwenza. Il-konsegwenzi ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19 kellhom ukoll impatt fuq l-akkwist pubbliku u l-proċeduri ta' implimentazzjoni fl-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni. L-aspetti msemmijin hawn fuq jistgħu jaffettwaw kemm idumu xi partijiet tal-proġett biex tiġi implimentata l-arkitettura l-ġdida għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE għall-fruntieri, il-migrazzjoni u s-sigurtà.

Wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA tat-23 ta' Ġunju 2022 u wara d-deċiżjoni tal-Kunsill informali tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-11-12 ta' Lulju 2022, l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-arkitettura l-ġdida tal-IT għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u l-interoperabbiltà tagħhom ġiet riveduta. Wara d-dewmien fit-tħaddim tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-iskeda ta' żmien tad-dħul fis-seħħ tas-sistemi ta' informazzjoni differenti tal-UE issa hija kif ġej: Marzu 2023 għas-SIS, nofs Mejju 2023 għall-EES, nofs Novembru 2023 għall-ETIAS u sa Ġunju 2024 għall-ECRIS-TCN u għall-bidu progressiv tal-operat tal-komponenti tal-interoperabbiltà.

F'dan l-istadju, l-impatt potenzjali tal-iskeda ta' żmien riveduta għas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u għall-interoperabbiltà fuq l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-VIS, ma jistax jitkejjel. Madankollu, skont id-*data* disponibbli dwar in-nefqa mgħarrba fl-2021 u fl-2022 mill-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, sal-lum ma ġie identifikat l-ebda riskju ta' nfiq żejjed fl-ammonti stmati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva emendata.

5. Konklużjoni

L-Istati Membri, il-pajjiżi assoċjati maż-żona Schengen u l-aġenziji tal-UE għandhom impenn ġenerali komuni, biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-VIS riveduta, ukoll bħala parti mill-qafas ta' interoperabbiltà usa' tas-sistemi ta' inforazzjoni tal-UE. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tkompli tikkordina u timmonitorja mill-qrib il-progress ta' daww kollha involuti, bil-ħsieb li s-sistemi tal-IT ġodda u aġġornati u l-komponenti tal-interoperabbiltà jkunu kompletament disponibbli sa Ġunju 2024. F'Ġunju 2022, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA stieden lill-aġenzija tesplora l-possibbiltà li tintegra l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-VIS riveduta aktar mill-qrib fl-iskeda ta' żmien tal-Interoperabbiltà riveduta b'mod ġenerali, li ġiet ikkonfermata mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-11-12 ta' Lulju 2022.

B'mod ġenerali, il-ħidma għall-implimentazzjoni tal-VIS riveduta tinsab fit-triq it-tajba. Madankollu, biex jiġi żgurat li jibqa' dan il-fatt, huwa meħtieġ li daww kollha involuti jimxu 'l quddiem flimkien fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-UE u tal-komponenti kollha ta' interoperabbiltà, u li r-riskji marbutin mad-dewmien jiġu mmonitorjati kontinwament. Il-Kummissjoni tkompli timpenja ruħha mal-partijiet ikkonċernati kollha, biex tidentifika d-dewmien potenzjali li jista' jinqala' u tara li dewmien bħal dan ikun kemm jista' jkun żgħir, biex tiġi rrispettata l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni miftiehma.